# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Il-Pulizija

Vs

Keith Meilak

Illum 7 ta’ Lulju, 2025

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet fil-konfront ta’ Keith Meilak, bin Jenny u Jane nee’ Fabri, imwieled fis-16/10/1975, residenti 109, Cuor De Gesu, Flt 3, Triq il-Belt Valletta, Hal Qormi u li għandu n-numru ta’ karta tal-identità 485479M;

Billi int akkużat talli fil-17 ta' Lulju, 2023 għall-ħabta ta' 10:15hrs f' Triq it-tromba, Marsa soqt vettura b' numru ta' reġistrazzjoni CCI-604;

1. B'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta'ħaris ta' regolamenti, involontarjament ikkaġunajt offiza (ġrieh) gravi fuq il-persuna ta' Mark Briffa, mingħajr il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ( u cioe' li gabet il-konsegwenzi msemmija taħat l-artikolu 216 tal-kodici kriminali)

Il-Prosekuzzjoni titlob li tiġi skwalifikat/a mill-licenzji kollha tiegħek tas sewqan.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f' kaz ta htija minbarra li tinfliggi il-piena skond il-ligi, tnaqqas il-punti mill-licenzja tas-sewqan hekk kif stabilit mill-L.S 65.18 Art 36B u fil-L.S 65.18 Sitt Skeda.

Rat l-artikoli 226(1)(b) u fil-L.S 65.18 Art36B u fil-L.S 65.18 Sitt Skeda.

Rat ix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Rat ix-xhieda tal-imputat.

Rat l-atti kollha, x-xhieda u dokumentazzjoni kollha prodotta.

Semghet it-trattazjoni.

**Ikkunsidrat**

**PS2392 Grech** xehed permezz ta' affidavit.

**Dr. Rachelle Attard,** li hija impjegata Materi Dei, xehdet permezz ta' affidavit.

**Ikkunsidrat**

**<u>Mark Briffa xehed hekk</u>**

Pros: Kont involut f'xi incident u meta gara?

Xhud: Data ma niftakarx meta.

Pros: Ta liema sena?

Xhud: Tas-sena l-oħra.

Pros: Il-post tiftakar fejn gara?

Xhud: Il-Marsa int u diehel f'dik id-dawra hemm konna pparkjati hemm pparkjati ehe u daħlu go fina minn wara.

Qorti: Min daħal go fik minn wara, Qed tara hawnhekk?

Xhud: Ijja.

Qorti: Ix-xhud indika li l-imputat.

Qorti: Jiġifieri inti kont ipparkjat u daħlu go fik minn wara?

Xhud: Jiena mhux ix-xufier jiena li weġġajt.

Qorti: Inti l-ewwel?

Xhud: Jiena mhux ix-xufier jiena għax weġġajt.

Qorti: Fejn kont allura inti?

Xhud: Ħdejn ix-xufier.

Qorti: Kontu pparkjati?

Xhud: Konna fil-ġenb ehe weqfin.

Qorti: Weqfin jew ipparkjati għax hemm differenza?

Xhud: Pparkjajna mal-ġenb.

Pros: Orrajt mela intom kontu pparkjati mal-ġenb u inti kont passiggier qed tgħidilna?

Xhud: Iva.

Qorti: Ma min?

Xhud: Ma Adrian Borg.

Qorti: Mela kont wieqfin u fejn kien l-incident jekk jogħġbok?

Xhud: Aldo Moro it-triq tiġi iddur hekk għall fejn Bezzina imbagħad m'hemmx dik id-dawra hekk ma Bezzina hemmhekk. Issa tgħidli x' jisimha dik it-triq.

Qorti: Fil-main road kontu?

Xhud: Le le kif iddur hekk.

Qorti: Jiġifieri kontu triq laterali għal triq Aldo Moro, triq ħdejn Aldo Moro?

Xhud: Il-Marsa imbagħad m'hemmx Bezzina tas-shippingu ddur hekk.

Qorti: Jiġifieri imma intom kontu ġos-service road ġot-toroq ta' ħdejn il-main road qed tgħidli imma intom ma kontux fuq il-main road?

Xhud: Le mhux gol-main road dorna ahna l-isfel.

Qorti: Dortu jigifieri dħaltu go side road ha nghidulu hekk?

Xhud: Inzilan l-isfel hekk.

Qorti: Fejn hemm l-industrial estate jigifieri?

Xhud: Fejn hemm ngħidu ahna l-iskola tal-Marsa dik li kienet tas-Snajja il-fuq minnha u hemm il-garaxx tal-Gvern fejn ikun hemm ħafna suwed.

Qorti: Orrajt mela imma int qed tgħid kontu weqfin mal-ġenb u ma kontux ħriġtu mil-karozza allura?

Xhud: Le konna ipparkjati u jiena kont se noħrog mil-karozza.

Qorti: U int fejn kont in-naħa tal-bankina jew in-naħa ta' barra?

Xhud: Le in-naħa ta' barra tal-għalqa kont.

Pros: Issa din il-vettura hija personali jew?

Qorti: Kontu dħaltu sew qed tgħidli int kif qed tgħidli int?

Xhud: Ijja.

Pros: Privata jew ta xi entita oħra?

Xhud: Tal-Gvern.

Qorti: U s-sinjur baqa' diehel ġewwa fikom qed tgħidli?

Xhud: Dahal go fina minn wara.

Pros: U x'soffrejt int jiġifieri?

Xhud: Imbagħad jiena kif ħriġt mill-karozza ħassejt weġġa kbira u ħaduni l-isptar u dan u qalu li kellek kustilja miksura u nirringrazzja lil kulħadd minn hawn u anki lill tal-emerġenza hux lil kulhadd halli ma ninsa lil hadd.

Qorti: Xi haga ohra minghand is-sinjur, Kontro Ezami?

Avu: Jekk jogħġbok sinjur bongu l-ewwel nett inti tiftakar li kont ġejt mitkellem Mark mill-pulizija ilu hafna sena ilu tiftakar li kellmuk fuq dan l-incident u ħadulek verzjoni tiftakar iva jew le sempliċi?

Xhud: Minghalija kienu kellmuni mhinix cert.

Qorti: Tiftakar li inti kont ghedtilhom jien kont gol-karozza hassejt l-impatt tad-daqqa imma ma nafx x'gara mbagħad naf li ħriġt minn gol-karozza niftakar li kont ghedtilhom dal-kliem?

Xhud: Mhux qed nghid xejn mhux minnu.

Avu: Imma naqblu li dak iż-żmien ma kontx ma ftakar xejn, jiġifieri allura kif illum sena wara il-fuq minn sena wara qed tiftakar?

Xhud: X'qed niftakar eżatt mhux li ghedt hemm qed nghid.

Avu: Imma hawnhekk inti ghedt ma nafx x'gara illum identifikajt ippermettili ħa nagħmillek id-domanda illum identifikajt lix-xufier identifikajt x'gara.

Qorti: Mark Briffa inti?

Xhud: Iva.

Qorti: Minuta, jien kont gol-karozza hassejt l-impatt tad-daqqa imma ma nafx x'gara imbaghad, qal mhux qabel, naf li ħriġt minn gol-karozza, qed jgħid li jaf x'gara ma jafx x'gara wara imma jiftakar li kien hemm l-impatt.

Avu: L-impatt orajt fear enough, jiena id-driver qed nipprova niddentifika jiġifieri d-driver inti sirt taf min hu mhux dakinhar, dakinhar int ma rajtux id-driver naqblu?

Xhud: Le le l-isptar rajtu.

Avu: Le minuta wahda.

Qorti: Jieqaf kulħadd ha nitkellem jien l-avukat stajt għamiltulu naqra iktar dirett avukat ha nifhmek, sinjur ha nara hux qed nifħmek inti dak il-ħin li gara l-incident ma tafx min laqat il-karozza imma gie l-isptar jarak?

Xhud: Ġie jarani l-isptar iva. U offrieli għandix bżonn xi haga.

Qorti: Imma fuq il-post ma tafx min laqqtek, taf li laqqtek għax ġie l-isptar?

Xhud: Ġie l-isptar kellimni kont mugugh ħafna intfajt.

Qorti: Minuta sinjur ha nkun ċara jiena int taf min hu sinjur għax ġie jkellmek l-isptar?

Xhud: Iva iva.

Avu: Dak kollox issa naqblu li hemmhekk f'dik il-biċċa triq, mela naqblu li hemmhekk f'dik il-biċċa triq li wasalna għalihom wasalna ghalija dik it-triq fejn hemm is-siġar m'hemmx parkeġġ ma hemmx fejn tipparkja?

Xhud: Le m'hemmx mhux ha nghid li hemm.

Avu: Taqbel miegħi li ftit qabel inti kont fil-karozza u waqaftu qabel zebra crossing intom?

Xhud: Waqafna qabel zebra crossing imbagħad erġajna soġna.

Avu: Umbagħad soqtu biċċa żgħira oħra u waqaft eżatt wara?

Xhud: Mhux mal-ewwel waqaf l-isfel.

Avu: Mal-kantuniera mal-kurva, kien hemm xi raġuni għalha ma nizlitx waqaf il-kontra ħdejn iz-zebra crossing?

Xhud: X'raġuni tridni intik tieqaf f'nofs tat-triq.

Avu: Għax ridt timxi naqra oħra,

Xhud: Inżilna ftit l-isfel.

Avu: U waqaftu f'nofs tat-triq ftit l-isfel naqblu?

Xhud: Le mhux f'nofs tat-triq le mhux f'nofs tat-triq mal-genb.

Avu: Pero m'hemmx parking naqblu li m'hemmx parking?

Xhud: Ma jidhirlix li hemm parking.

Avu: Xejn iżjed mix-xhud.

Pros: Inti ghedtilna li mad-daqqa imbaghad hrigt mill-karozza meta hrigt mill-karozza inti l-persuna li qed tara qed tara hawnhekk huwa l-istess persuna li rajtu dakinhari hierġ mill-vettura li laqtitek?

Xhud: Le ma rajtux hierġ mill-vettura jien.

Pros: Ma rajtux ma haristx voldieri?

Xhud: Ma rajtux hiereġ mill-vettura jien lilu ma rajtux hierġ jien mill-vettura.

Qorti: Ix-xhud hu onest hafna it is obvious. He is giving his truth. Qas qed nghidilek li qed jgħid il-verità avukat, please mhux qed nghid li jekk qed jgħid il-verità qed nghidilek he is giving his truth there is a distinction issa on what this distinction is ma nafx. Il-vizjoni tieghu hi ċara ħafna.

Avu: Mela sinjura nista nippreżenta zewg ritratti please?

Qorti: Min hadhom?

Avu: Mela ħadhom ovvjament ittieħdu fuq il-post, l-imputat.

Qorti: Ha jixhed l-imputat?

Xhud: Mela ma tista tipprezenta ritratti.

Avu: M'għandix iktar domandi.

**<u>Adrian Borg xehed hekk:</u>**

Pros: Kont involute f'xi incident sinjur?

Xhud: Iva.

Qorti: Meta u fejn?

Xhud: Eżatt ma niftakarx is-sena li għaddiet fis-sajf.

Pros: Fejn post?

Xhud: Il-Marsa bejn triq Aldo Moro u triq żgħira trid it-Tromba.

Pros: Tgħidilna x'ġara sinjur?

Xhud: Mela konna fi triq Aldo Moro u se mmorru lejn trid Tromba kif ġejna fejn zebra crossing qasmet, waqaft biex taqsam mara tajjeb jien waqaft u kif qasmet il-mara il-kollega tiegħi Marco qalli isma qalli.

Qorti: Li xehed qabellek?

Xhud: Ijja, kien ma ġenbi qalli isma qalli hu paċenzja qalli għax dahalli ħsieb nsejniex xi biċċa għodda l-lastli ngħidulhom aħna nużaw aħna għedtilu issa nersqu mal-ġenb u inżel iċċekkjà fil-bagoll u jiena qlajt u kif appena kif tfajt mal-genb u Marco se jinżel fetah il-bieba u se jinżel mill-karozza kien qisu hareg sieq tajjeb hassejna skoss zghir fuq wara tal-karozza forsi imxiet ftit imxiet hafna ghax li kiku ghaffigglu saqajh that il-karozza. Qalli ajma ajma ajma ghedtlu x'gara qalli ghandi il-bieba miegħi ma dahri. Il-karozza waqfet għax kienet daqqa vera lightly imma hu inzerta ħareġ rajtu jiena saqajh waħda il-barra u qisu ġenbu mal-pilastru ta' nofs il-karozza i biex ngħidlu hekk il-bieba miftuħa u ħareġ, ħareġ mill-karozza hu baqa' qisu miġuħ u niżel fuq il-ħaxix.

Qorti: Mela min laqgħatkom qed tgħarfu taf min laqgħatkom?

Pros: Tagħrfu tista' tindikahulna hawnhekk fl-awla?

Xhud: Ehe is-sinjur hemmhekk qiegħed.

Qorti: Mela ix-xhud indika lil imputat.

Pros: Mela il-vettur kienet tiegħek personali kienet ta' xi entita'?

Xhud: Le GVN 502 tal-Gvern.

Qorti: Kontra Ezami?

Avu: Naqblu mela waqaftu għaz-zebra crossing qasmet waħda?

Xhud: Waqafna biex taqsam din il-mara, umbagħad qalli isma qalli.

Avu: U wara ftit wara li qbiżtu iz-zebra crossing waqaft?

Xhud: Umbagħad intfajna mal-ġenb u waqaft.

Avu: Imma ftit wara zebra crossing ma niżiltux ħafna down the road naqblu?

Xhud: Le ma mxejnix esagerat ftit wara zebra crossing issa jiddependi il-ftit tiegħek kemm hi.

Avu: Jiġifieri, jiġifieri tul ta' karozza tajjeb ħalli nkunu preċiżi tul ta' karozza wara seba' crossing?

Xhud: Pressapoco xi ħaġa hekk tul jew żewġ tulijiet.

Avu: Grazzi.

**<u>Mark Brincat xehed hekk:</u>**

Pros: Kellek xi incident sinjur inti?

Xhud: Ijja.

Pros: Tista' tghidilna meta gara?

Xhud: Fis-17 ta' Lulju tas-sena l-ohra.

Pros; Sewwa u fejn il-post?

Xhud: Il-post fejn konna dorna ir-roundabout ta' Aldo Moro imma gbidna triq li tiġi fejn nghidu hemm it-Tiger Bar.

Pros: U x'gara ezatt x' tiftakar inti?

Xhud: X'hin konna ghaddejjin waqafna ghax kienu qed jaqsmu n-nies mis-zebra crossing.

Qorti: Minuta inti kont qed issuq?

Xhud: Le le jien passiggier ma Adrian Borg u Marco Briffa.

Qorti: U min kien qed issuq?

Xhud: Adrian Borg kont passiggier wara l-passiggier ta' quddiem u waqafna biex jaqsmu n-nies miz-zebra crossing u ezatt x'hin qbizna zebra crossing sar l-impatt.

Qorti: Min kien qed issuq qed taghrfu hawn gew il-persuna l-ohra karozza laqtitkom?

Xhud: Ijja ghax rajtu barra.

Qorti: Imma go l-awla ghandi bzonnh jekk taghrfux?

Xhud: Ijja hemmekk.

Qorti: Ix-xhud indika l-imputat ijja, u xi hadd wegga' x'gara?

Xhud: Ijja ezatt x'hin konna qbizna iz-zebra crossing gbidna mal-genb u ezatt x'hin kien ser jinzel siehbi ta' quddiem sar l-impatt u tkaxkar bid-daqqa mal-karozza.

Qorti: Ok tista tmur sinjur.

**<u>Keith Meilak xehed hekk:</u>**

Avu: Mela tispjegalna ftit x'ġara dakinhra jekk jogħġbok?

Xhud: Eżatt mela kif irrakkuntaw kont ili nsuq warajhom dik il-karozza Skoda min-naħa l-oħra l-oppost ta' triq ġejna dorna mar-roundabout Aldo Moro u ħa nidħlu it-Trombi fejn il-baħar iż-żgħir il-Magħluq eżatt x'hin iddur fil-kantuniera hemmhekk hemm zebra crossing. L-Iskola waqfet u jien waqaft warajha u qasmet mara, saq jiena appena soqt ittawwalt mill-mera ġara l-impatt voldieri jiena.

Qorti: Ittawwalt mill-mera x'jiġifieri?

Xhud: Tal-ġenb għall-wara għax qed insuqu peress li qlajt biex nara li m'għandhiex karozzi maġenbi just kemm ittawwalt mill-mera u sibt il-karozza l-vettura wieqfa quddiemi just brejkjajt u ġejna bumper to bumper bħala ħsara hija minima ħafna. Jiena fil- fatt għadni wieqaf fuq iż-zebra crossing kont qiegħhed il-vann tieghi fuq iż-zebra cross just.

Avu: Għandek għandek xi ritratti x' tippreżenta lill- qorti biex tifhem ftit?

Xhud: Ijja,

Avu: Mela bejn il-mument li waqfu biex taqsam dik il- mara u inti waqaft warajhom fuq zebra cross u l-mument li qabez is-zebra' cross l-vann il-karozza ta' quddiem qabżet iz-zebra cross kien hemm distanza twila bejn iż-zebra cross u fejn waqfet il-vettura?

Xhud: Il-vettura kienet wieqfa quddiem iż-zebra crossing quddiem eżatt tul ta' vettura u t-tul taż-żebra cross lanqas kollha għax jien qiegħed fuqha kollha zebra cross tul ta' vettura qisni ġejt soqt jiena.

Avu: Jiġifieri inti malli dan mexa u saq minn fuq iż-zebra cross u qasmet dik il-mara u dan mexa ta' quddiemek mill-ewwel dan brejkja wara ż-zebra cross naqblu?

Xhud: Eżatt wara zebra cross, issa jista' jkun tefa' naqra ħarira żgħira il-ġewwa iva pero eżatt wara ż-zebra cross.

Qorti: Ir-ritratti x'juru dawk irrirattati ħadthom int?

Xhud: Haddthom jiena eżatt wara l-accident.

Qorti: Ok thank you tista tinżel.

**<u>Ikkunsidrat</u>**

Mill-provi prodotti jirriżulta li l-imputat, fil-ħin tal-inċident, naqas milli jżomm proper lookout, tant li b'nuqqas ta' attenzjoni u osservazzjoni adegwata, ma ndunax li l-vettura li kienet quddiemu kienet waqfet u minħabba f'hekk ħabat magħha minn wara u tirrizulta l-imputazzjoni.

**Decide**

Ghal daw il-motivi u wara li rat l-artikoli 226(1)(b) u fil-L.S 65.18 Art36B u fil-L.S 65.18 Sitt Skeda ssib lill-Keith Meilak tal-akkuza  migjuba kontrih u tikkundanah ghal Multa ta' elfejn Ewro (€2,000) u tnaqqis ta' seba' (7) punti mill-liċenzja tas-sewqan.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**

**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**